MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2010

Appell Kriminali Numru. 83/2010

**Il-Pulizija**
**v.**
**Mario Bonnici**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Mario Bonnici ghan-nom u in rapprezentanza ta' United Equipment Company (UNEC) Ltd. (C10827) u/jew bhala sid ta' vettura Isuzu NQR chassis Nru. JAANIR75L77100247, talli fid-29 ta' Dicembru 2009 u fil-gimghat ta' qabel f'dawn il-Gzejjer waqt li kellu vettura ta' ghamla Isuzu NQR bi pjanci tar-registrazzjoni 07D26200 (pjanci ta' barra) b'chassis Nru. JAANIR75L77100247:

(1) bhala sid ta' vettura Isuzu NQR Chassis Nru. JAANIR75L77100247, ghamel uzu minn marka ta' registrazzjoni xort'ohra (IAG-113) minn dik moghtija mill-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta dwar xi vettura bil-mutur partikolari, u cioe` ghamel uzu minn pjanci tan-

numri tar-registrazzjoni ohra u licenzja ta’ vettura IAG-113 li jappartjenu lil truck ta’ ghamla ‘Isuzu KB’ u uzahom fuq vettura Isuzu NQR Nru. 07D26200 li ghandha chassis Nru. Isuzu NQR Chassis Nru. JAANIR75L77100247;

(2) kellu fil-pussess tieghu jew taht ir-responsabbilta` tieghu vettura ta’ ghamla ‘Isuzu NQR’ Nru. 07D26200 (pjanci ta’ barra) b’chassis Nru. Isuzu NQR JAANIR75L77100247 minghajr ma kienet registrata ma l-Awtorita dwar it-Trasport ta’ Malta;

(3) kellu jew halla fit-triq vettura ta’ ghamla ‘Isuzu NQR’ Nru 07D26200 (pjanci ta’ barra) b’chassis Nru. JAANIR75L77100247 kemm jekk ipparkjata kemm jekk qed tintuza minghajr licenzja mahruga mill-Awtorita` dwar it-Trasport ta’ Malta;

(4) bhala persuna li mporta jew gab f’Malta vettura bil-mutur uzata, cioe` vettura ta’ l-ghamla ‘Isuzu NQR’ bi pjanci tan-numri ta’ registrazzjoni 07D26200 (pjanci ta’ barra) b’chassis Nru. JAANIR75L77100247, naqas li fi zmien hmistax-il jum minn meta l-vettura tkun waslet Malta jipprezenta applikazzjoni u jipprovdi d-dokumenti kollha rilevanti skond kif mitluba bil-ligi mill-Awtorita` dwar it-Trasport ta’ Malta ghar-registrazzjoni ta’ dik il-vettura;

(5) ghamel jew ippermetta l-uzu tal-vettura ta’ ghamla ‘Isuzu NQR’ bi pjanci tan-numru tar-registrazzjoni 07D26200 (pjanci ta’ barra) b’chassis Nru. JAANIR75L77100247 minghajr ma kienet koperta b’polza ta’ assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni;

(6) bhala persuna li b’kitba, tpingija jew b’mod iehor, biddel, hassar, sfugura jew zied xi haga f’licenzja ta’ xi vettura bil-mutur, jew qieghed fuq vettura diska ta’ licenzja (ta’ vettura ohra IAG-113) li tkun giet mibdula, tkun thassret, tkun giet sfigurata jew li jkun gie mizjud xi haga fiha.

Il-Qorti giet mitluba li minbarra li taghti l-piena stabbilita tordna l-konfiska ta’ l-imsemmija vettura ai termini ta’ l-art. 23 Kap. 9, kif ukoll li l-imsemmi Mario Bonnici jigi

skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perijodu ta’ zmien li l-Qorti jidhrilha xieraq;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-19 ta’ Frar 2010 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Mario Bonnici hati ta’ l-ewwel, it-tielet, ir-raba’ u l-hames imputazzjonijiet u minnhom illiberatu, filwaqt illi astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni u tas-sitt imputazzjonijiet stante li gew irtirati mill-prosekuzzjoni;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali pprezentat fit-3 ta’ Marzu, 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma u timmodifika s-sentenza appellata billi (1) tikkonfermaha f’dik il-parti fejn il-Qorti lliberat lil Mario Bonnici mill-hames imputazzjoni, u (2) thassarha u tirrevokaha f’ dik il-parti fejn il-Qorti lliberat lill-istess Mario Bonnici mill-ewwel (1), it-tielet (3) u r-raba’ (4) imputazzjonijiet u taghhom issib htija u tinfliggi kontra tieghu l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant Avukat Generali hu li l-ewwel Qorti kellha ssib htija dwar l-ewwel, it-tielet u r-raba’ imputazzjonijiet. L-appellant jghid illi l-appellat gie lliberat peress illi, filwaqt illi l-appellat gie mharrek ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija United Equipment Company (UNEC) Ltd., il-memorandum esebit mill-prosekuzzjoni huwa ta’ kumpanija ohra, u cioe` UNEC Leasing Ltd. L-appellant pero` josserva illi l-appellat gie akkuzat ukoll f’ismu proprju, u fl-istqarrija tieghu huwa ammetta li huwa s-sid tal-vettura in kwistjoni. Barra minn hekk huwa assuma kull responsabbilta` kriminali ta’ l-azzjonijiet tieghu peress li kien hu li ta l-istruzzjoniiet lill-haddiema sabiex jitwahhlu l-pjanci ta’ registrazzjoni kif ukoll licenzja ta’ vettura fuq l-Isuzu NQR.

Din il-Qorti ezaminat il-provi kollha prodotti quddiem l-ewwel Qorti. Issa, huwa veru illi fl-istqarrija tieghu l-appellant, ghall-mistoqsija ta' l-ispettur investigattiv jekk jghidx sew li hu (cioe` l-appellat) huwiex sid il-vettura in kwistjoni, l-appellat wiegeb fl-affermattiv. Izda l-ewwel mistoqsija li saritlu kienet fejn jahdem u l-appellat wiegeb li hu "direttur ta' kumpanija UNEC li tinsab Burmarrad". Jigifieri meta gie mistoqsi dwar jekk huwiex is-sid tal-vettura msemmija, il-kuntest tat-twegiba affermattiva tieghu trid necessarjament tiftiehem fil-kuntest tat-twegiba tieghu ghall-ewwel mistoqsija, u ghalhekk li huwa s-sid tal-vettura izda fil-vesti ta' direttur tal-kumpanija UNEC. Issa, il-prosekuzzjoni stess esebiet numru ta' dokumenti mnejn jirrizulta li l-kumpanija li akkwistat l-imsemmija vettura kienet il-kumpanija United Equipment Co. (UNEC) Ltd. F'dar-rigward issir referenza ghad-dokument SPA23 a fol. 12, u d-dokumenti a fol. 19 u 20 tal-process. L-istess prosekuzzjoni mbaghad esebiet *Memorandum and Articles of Association* ta' kumpanija bl-isem UNEC Leasing Limited mnejn jirrizulta illi l-appellat huwa wiehed mid-diretturi. Pero` ma esebietx il-*Memorandum and Articles of Association* tal-kumpanija United Equipment Co. (UNEC) Ltd. Jigifieri l-prosekuzzjoni, li riedet iggib il-prova li l-appellat huwa direttur tal-kumpanija United Equipment Co. (UNEC) Ltd., naqset milli ggib dik il-prova.

L-appellant qieghed jippretendi illi l-appellat ghandu jinsab hati ta' l-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet f'ismu proprju. Ghar-ragunijiet kollha msemmija dan ma jistax isir peress illi hu mhuwiex is-sid izda hi l-kumpanija United Equipment Co. (UNEC) Ltd. li hija sidt il-vettura in kwistjoni. Konsegwentement l-appell ma jimmeritax akkoljment.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------